Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 25 ta' Jannar 2024**

**Kump. Nru. 6/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**Mario Campolo**
**(0017382A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Mario Campolo**, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0017382A.

Akkuzat talli nhar it-Tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) ghall-habta ta' bejn it-tlieta (15:00) ta' wara nofsinhar u l-hamsa (17:00) ta' wara nofsinhar, fil-Burger King ta' Paola jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer :

1. Ikkommetta serq ta' mobile ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u liema serq sar ghad-dannu ta' Delian Long u James Long u/jew ta' xi persuna/I u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati li saru definittivi u li ma jistghux jinbidlu;

3. U aktar talli nhar it-18 ta' Dicembru 2023 gewwa l-gzejjer Maltin bhala persuna li gie ordnat il-helsien taghha bla hsara ghall-kundizzjonijiet, li tnizzlu bil-miktub mill-Ufficjal tal-Kustodja, u li gew iffirmati minn Mario Campolo, sabiex jinheles, naqas milli jhares xi kondizzjoni imposta fuqu meta huwa

nheles, billi naqas milli jattendi gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Paola nhar it-18 ta' Dicembru 2023.

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-vittmi u cioe' Delian Long u James Long jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat Mario Campolo skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija thaddem kontra l-hati d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-ligi.

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 49, 50, 261(c), 279(a), 289 u 355AL tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Mario Campolo hati** ta' l-akkuzi migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal **tmintax-il xahar (18) prigunerija effettiva.**

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati **Mario Campolo** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjattrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-imputat, u b'mod partikolari li jsegwi t-terapija moghtija lilu sabiex jindirizza l-problemi tieghu ta' dipendenza fuq id-droga, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tmintax-il xahar (18)** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hati **Mario Campolo b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** millum ghall-**protezzjoni ta' Delian Long u James Long** . Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija, lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**